MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 198/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. - C 5553**

**vs**

**Glenn Debattista - I.D. numru 565359 (M)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi 1-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta' hdax il-elf u sittax il-lira maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 11,016.33) rapprezentanti prezz ta' diversi *premiums* u boll dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis--

socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tal-konvenut, kif jidher mill-*statement* hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”;

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi u *nonostante* diversi tentattivi biex din il-kwistjoni tirrizolvi ruhha u weghdiet da parti tal-konvenut li kien ser ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi: -

(1) m’ghandbiex dina 1-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hdax il-elf u sittax il-lira maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 11,016.33) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax legali mill-4 ta’ Novembru 2003 u bl-ispejjes, inlcuzi dawk tal-ittri ufficjali datati 4 ta’ Novembru 2003 u 20 ta’ Frar 2004 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici dbitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jippresenta nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Il-konvenut, debitament notifikat, naqas li jidher u naqas li jippresenta nota ta’ osservazzjonijiet. Ghalhekk l-istess konvenut ghandu jitqies li huwa kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax il-elf u sittax il-lira maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 11,016.33) rapprezentanti prezz ta' diversi *premiums* u boll dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis--socjeta' attrici fuq ordni u inkarigu tal-konvenut u dana bl-imghax legali kif mitlub;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------